**MALTA UNION OF TEACHERS**
**Teachers' Institute**, 213 Republic Street, Valletta VLT 1118, Malta.
Tel: (356) 21237815, 21222663 • Fax: (356) 21244074
e-mail: info@mut.org.mt • Website: http://www.mut.org.mt

# Aktar Dettalji dwar il-Ftehim tal-Mobility

Nixtieq naqsam magħkom xi dettalji tekniċi fuq il-ftehim tal-Mobility billi qed ikun hawn ħafna mistoqsijiet li mhux qed inlaħħaq magħhom. Hawn taħt sibu 10 punti li nittama jgħinukom tifhmu aħjar.

1. Dan il-ftehim jgħodd għall-ENTRY grades, jiġifieri Teachers, KGAs u LSAs kollha fuq insistenza tal-Union għax il-gvern fil-bidu ma riedx li tkun miftuħa għal kulħadd.

2. Dan il-ftehim ma jistax japplika għal Assistant Heads u Heads of Department għar-raġuni sempliċi li dawn huma internal calls u ma tistax tapplika għalihom minn barra u allura ma tkunx qed taqleb l-employer.

3. Jekk xi ħadd imur ġo skola tal-Knisja minn skola tal-istat jew viċi versa ikun qed jibdel l-employer tiegħu. L-iskejjel tal-Knisja sussidjati mill-istat imma huma employers differenti bir-regoli tagħhom. Kull skola tal-Knisja reġistrata bħala employer separat iżda ftehim kollettiv isir wieħed mal-MUT li jkun jorbot l-iskejjel tal-Knisja kollha.

4. Qabel dan il-ftehim (jiġifieri sa ftit ġimgħat ilu) jekk inti tkun f'wieħed mill-gradi msemmija hawn fuq u taqleb l-employer terġa tibda kollox mill-ġdid daqs li kieku qatt ma ħdimt.

5. B'dan il-ftehim assigurajna li jekk taqleb l-employer iżżomm il-progression tal-paga kollha li ksibt bil-ħidma tiegħek, u mhux qisek għadek tibda'.

6. Ma jistax jinġarr seniority minn employer għal ieħor għal ħafna raġunijiet ovvji, fosthom ir-raġuni li kieku ħadd iktar m'għandu job security għax jekk tkun ilek ammont ta' snin ġo skola u jiġi xi ħadd li ilu jgħallem iktar minnek tispiċċa warajh, u raġunijiet oħrajn ta' natura teknika.

7. Dan il-ftehim m'hux retroattiv. Dan ifisser li jekk inti qlibt l-employer qabel dan il-ftehim ma intix se tibbenefika minnu. Kull min qaleb l-employer qabel kien jaf li din kienet il-kundizzjoni. Madanakollu ma hemm xejn li jżomm lil ħadd li jerġa jaqleb l-employer u jibbenefika minn dan il-ftehim u jikseb il-frott tal-esperjenza kollha li għandu / għandha.

8. Il-ftehim japplika għal dawk l-iskejjel firmatarji tal-ftehim. Sa issa f'dan il-ftehim hemm l-iskejjel tal-istat u l-iskejjel tal-Knisja. L-iskejjel indipendenti mistiedna li jiffirmaw sal-aħħar tas-sena kalendarja.

9. Dan ifisser li jekk inti taħdem fi skola indipendenti u tmur ma' skola tal-Knisja jew tal-istat inti se tibbenefika minn dan il-ftehim imma mhux neċessarjament tibbenefika minnu jekk minn skola tal-Knisja / tal-istat tmur ġo skola indipendenti.

10. Żommu ruħkom aġġornati mill-website tal-MUT fuq liema skejjel indipendenti se jkunu ffirmaw dan il-ftehim.

Nittama li dawn il-ftit punti jitfgħu ftit iktar dawl fuq il-ftehim storiku li għamilna li ilna ninsistu għalih snin twal. Tajjeb ngħid li din ilha proposta tal-MUT żmien twil u to be fair mal-gvern kien ħadha u daħħalha fil-manifest elettorali.

*Kevin Bonello – September 1 at 10:38pm*

**MUT COMMUNICATIONS OFFICE**